MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Numru 644/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Gilmore Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Gilmore Grima ta’ tmintax-il (18) sena, iben Anthony u Anna neè Borg, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Dicembru

1995 u residenti 39, Fl 2, Triq il-Gendus, Bormla, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 19396(M) talli fil-lejl ta' bejn id-9 ta' Lulju 2014 u l-10 ta' Lulju 2014 fl-inhawi tal-Kalkara u/ jew fil- perjodu ta' qabel din id-data b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' oggett u cioe' 5 landi diesel tal-25 litru liema serq, li sar ghad-detriment ta' Francis Schembri minn Swieqi u/ jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex jbieghhom jew imexxiehom u cioe' 5 landi diesel tal-25 litru, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
3. Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi akkwista u/jew kellu fil-pussess tieghu jew importa arma regolari liema zamma, akkwist, importazzjoni jew pussess huma imsemmija fl-Iskeda 1 huma projbiti cioe *taser;*
4. Kiser il-kondizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza datata 6 ta' Mejju 2014 mill-Magistrat Francesco Depasquale LL.D.;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat illi l-ewwel u t-tieni akkuzi huma alternattivi ghal xulxin;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn id-9 ta’ Lulju 2014 u l-10 ta’ Lulju 2014 fl-inhawi tal-Kalkara u/ jew fil- perjodu ta’ qabel din id-data b’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda: (i) ikkommetta serq ta' oggett u cioe’ 5 landi diesel tal-25 litru liema serq, li sar ghad-detriment ta’ Francis Schembri minn Swieqi u/ jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa; (ii) fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex jbieghhom jew imexxiehom u cioe’ 5 landi diesel tal-25 litru, liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa; (iii) fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi akkwista u/jew kellu fil- pussess tieghu jew importa arma regolari liema zamma, akkwist, importazzjoni jew pussess huma imsemmija fl-Iskeda 1 huma projbiti cioe *taser;* (iii) kiser il-kondizzjonijiet moghtija lilu b’sentenza datata 6 ta’ Mejju 2014 mill-Magistrat Francesco Depasquale LL.D.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta’ tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta’ l-ewwel, it-tielet u r-raba’ akkuzi hekk dedotti kontrih izda tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta’ l-imputat in kwantu hija alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt li l-ewwel u t-tieni akkuzi huma alternattivi ghal xulxin.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28B, 263, 269, 270, 271 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 3(a) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u it-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta kontrih in kwantu hija alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghall-perijodu ta’ tmintax-il (18) xahar prigunerija izda peress

illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija ghall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett millum.

Il-Qorti ttenni wkoll li qed issib lill-imputat hati tar-raba' akkuza dedotta kontra tieghu u ai termini ta' l-Artikolu 28B(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tibdel l-ordni moghti fis-sentenza pronuncjata fil-konfront ta' l-imputat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Mejju 2014 u minflok il-perijodu operattiv hemm specifikat timponi perijodu operattiv ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza u l-perijodu operattiv impost a tenur ta' l-Artikolu 28B(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti in oltre tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mill-llum u dana skond u taht il-kudizzjonijiet li qed jigu imposti f'Digriet dwar Ordni ta' Supervizjoni moghti illum stess, liema Ordni qed jigi anness ma' din is-sentenza u ghandu jifforma parti integrali minnha. Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet dwar Ordni ta' Supervizjoni moghti llum kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' l-imsemmija kondizzjonijiet jew jekk jaghmel reat iehor waqt il-perijodu ta' Supervizjoni, u cioè li f'kaz ta' htija jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Kopja tad-Digriet dwar Ordni ta' Supervizjoni kif ukoll kopja ta' din is-sentenza ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tal-Probation u l-Parole sabiex jigi nominat Probation Officer li ghandu jsegwi lill-imputat

Ai termini ta’ l-Artikolu 55 tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tat-taser gun torch esebit mill-Prosekuzzjoni fl-atti ta’ dawn il-proceduri bhala Dok. “FS8”.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------